# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

## ILLUM, 13 ta' Frar 2020

**DIGRIET MOGĦTI BIL-MIFTUĦ**

**Rikors Ġuramentat numru: 187/2019GM**

**Dragonara Gaming Limited (C 49848)**

**vs**

**Is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru responsabbli għall-Finanzi et.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru responsabbli għall-Finanzi, tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru responsabbli għas-Servizzi Finanzjarji, Ekonomija Digitali u Innovazzjoni, tal-Avukat Ġenerali, tal-Ministru responsabbli għall-Finanzi u tal-Ministru responsabbli għall-Servizzi Finanzjarji, Ekonomija Digitali u Innovazzjoni li permezz tiegħu, wara li:

1. Għamlu riferenza għas-sentenza *in parte* tal-5 ta' Diċembru 2019 fejn din il-Qorti ċaħdet it-tieni u t-tielet eċċezzjoni preliminari tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru responsabbli għall-Finanzi, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru responsabbli għas-Servizzi Finanzjarji, Ekonomija Digitali u Innovazzjoni qabel magħruf bħala dak responsabbli għall-Kompettivita`, l-Avukat Ġenerali, il-Ministru responsabbli għall-finanzi u l-Ministru responsabbli għas-Servizzi Finanzjarji, Ekonomija Digitali u Innovazzjoni qabel magħruf bħala dak responsabbli għall-Kompettivita.

2. Stqarru li jħossuhom aggravati minn din is-sentenza u in vista tal-fatt li l-eċċezzjonijiet li ttieħdet deċiżjoni dwarhom huma eċċezzjonijiet ta' natura perentorja li jistgħu jwaqqfu l-prosegwiment ta' din l-azzjoni f'dan l-istadju,. Dan qiegħed jintalab ukoll sabiex ikun hemm ekonomija tal-ġudizzju;

Talbu permess jappellaw minnha f'dan l-istadju tal-kawża a tenur tal-Artiklu 231 tal-kodiċi proċesswali;

Rat ir-Risposta tas-soċjeta` attriċi;

Ikkunsidrat:

Illi sal-promulgazzjoni tal-Att XXIV tal-1995, li permezz tiegħu saru emendi estensivi għar-regoli ta' proċedura ċivili, kien fid-diskrezzjoni assoluta tal-parti sokkombenti jekk tagħżilx li tappella minnufih minn sentenza *in parte*, inkella jekk tistenniex biex tappella minnha wara li tingħata s-sentenza finali, billi tappella kemm mis-sentenza in parte kif ukoll mis-sentenza finali flimkien. Permezz tal-Att imsemmi, l-leġislatur, għalkemm ma nehhiex għal kollox id-dritt tal-parti sokkombenti milli tappella minnufih minn sentenza in parte, għamilha kundizzjonata għall-otteniment tal-permess tal-Qorti li tkun ippronunzjat dik is-sentenza *in parte*. Il-liġi ma tagħti l-ebda kriterju li fuqu l-ġudikant jagħti jew

jiċħad dan il-permess. Il-leġislatur ħalla f'idejn il-ġudikant biex dan jiddeċiedi skont id-diskrezzjoni libera tiegħu. Diskrezzjoni li għandha dejjem tiġi eżerċitata b'għaqal kbir u mhux b'mod arbitrarju. Kif taraha din il-Qorti, din ix-xelta hija ffrenata qabel xejn mill-obbjettiv li ried jilħaq il-leġislatur bl-emenda msemmija, li huwa, b'mod manifest, li jillimita l-ispezzettar tal-kawżi b'appelli interposti minn kull waħda mis-sentenzi *in parte* li tista' maż-żmien tingħata, bil-konsegwenti dewmien sa ma l-kawża kollha kemm hi tiġi determinata, għall-anqas fl-ewwel grad. Dan l-objettiv partikolari fir-rigward ta' appell minn sentenzi *in parte* huwa biss manifestazzjoni partikolari tal-objettiv ġenerali; anzi ta' dak li Lord Woolf MR isejjaħlu l-"***overriding objective***" tal-proċediment ġudizzjarju ċivili taż-żminijiet tallum "which embodied a three-dimensional concept of justice which incorporates the arriving at of judgements that are correct in fact and in law, by means of proportionate use of resources, and within a reasonable time"[1]. L-għoti ta' sentenza fi żmien raġonevoli huwa wkoll dritt fundamentali tal-bniedem;

Illi għalhekk, fil-fehma tal-Qorti tal-Appell, kull applikazzjoni li talvolta tista' tkun meħtieġa fir-rigward tal-Artikolu 231 **għandha tkun waħda restrittiva**, u cioe` li tirrispekkja l-intenzjoni tal-leġislatur li jarġina ż-żminijiet fl-interess tal-ispeditezza tal-kawzi[2];

Illi din il-Qorti, diversament ippreseduta, applikat il-prinċipju tal-użu proporzjonali tar-riżorsi, meta laqgħet talba bħal din f'każ fejn il-provi li kien se jkollhom jitressqu dwar it-talbiet attriċi li ma kinux milquta bl-effetti tal-imsemmija sentenza kienu jkunu ta' rilevanza ewlenija fir-rigward tat-talbiet li

---

[1] Lord Woolf MR, Access to Justice: Final Report to the Lord Chaanellor on the Civil Justice System in England and Wales (Access to Justice, Final Report), 1996, Section 1(8). Ara wkoll Zuckerman on Australian Civi Procedure, 2018, para. 1.3 et. seq.
[2] Markiza Beatrice Cremona Barbaro of St. George v. Joseph u Cecilia konjugi Vella Galea 16.12.2002 Qorti tal-Appell (Superjuri)

ntlaqtu mis-sentenza. Dan kien ifisser li jekk kemm-il darba l-aggravju tal-attriċi jintlaqa' mill-Qorti tal-Appell, l-atti kien ikollhom xorta waħda jintbagħtu lura lilha biex tqis mill-ġdid il-ġbir ta' provi jew il-konsiderazzjonijiet tagħhom dwar it-talbiet imsemmija[3].

Illi kuntrarjament għal dak li jissottomettu r-rikorrenti, din il-Qorti ma tarax kif, billi is-sentenza hija dwar eċċezzjonijiet perentorji, l-appell f'dan l-istadju jiffaċilita l-ekonomija tal-ġudizzju. Li kieku kien hekk, il-leġislatur kien jistatuwixxi li appell minn dawn huwa dejjem permess, mingħajr ma jħalliha fid-diskrezzjoni tal-Qorti;

Illi jidher li ftit hemm provi iktar x'jiġu prodotti miż-żewġ naħat. L-appell f'dan l-istadju jservi biss biex is-smiegħ ta' din il-kawża jkompli jiġi spezzettat u ż-żmien tal-proċess jitwal għal bosta snin. Dan meta din il-kawża hija ta' natura kummerċjali fejn l-ispeditezza hija partikolarment meħtieġa u fejn id-dewmien faċilment jista' jġib preġudizzju li ma jissewwiex faċilment;

Illi waħda mir-raġunijiet li qiegħdha ġġib is-soċjeta` attriċi għall-oppożizzjoni tagħha għat-talba li jingħata permess biex isir appell immedjat mis-sentenza in parte hija li sejra ssofri preġudizzju bid-dewmien riżultanti, billi ż-żmien qiegħed jaħdem kontriha. Dan huwa minnu. Jekk kemm-il darba jirriżulta li l-attriċi għandha raġun fit-talbiet tagħha f'din il-kawża, hija tkun sofriet telf tul iż-żmien kollu li jittieħed biex tinqata' l-kawża, filwaqt li sadanittant il-kompetitur tagħha jkompli jopera l-każino`. Il-kompetitur mhux parti f'din il-kawża. Min-naħa l-oħra, l-konvenuti, li huma entitajiet Statali jew Governattivi, żgur li m'huma sejrin ibatu l-ebda preġudizzju kemm-il darba l-appell tagħhom ma jsirx minnufih. Il-prinċipju tal-proporzjonalita` tal-preġudizzju ta' parti jew ta' oħra m'huwiex kunċett aljen għall-kodiċi ritwali tagħna. Proporzjonalita` differenti minn dik suesposta, iġifieri dik bejn l-importanza tal-kawża u r-riżorsi allokati

[3] Dottoressa Antoinette Cutajar v L-Onor Joseph Muscat 11.04.2017 Prim'Awla, per Onor. Imħallef J.R. Micallef

għaliha. Dan il-prinċipju tal-proporzjonalita` tal-preġudizzju ta' litigant jew ieħor nsibuh fl-Artiklu 266(7) li skontu, l-Qorti għandha tiddikjara li s-sentenza tkun esegwibbli provviżorjament jekk tkun sodisfatta li d-dewmien fl-eżekuzzjoni jkun sejjer aktarx jikkaġuna preġudizzju akbar lill-parti li titlob l-eżekuzzjoni milli lill-parti telliefa fil-kawża; fl-Artiklu 823(2)(b) fil-każ ta' talba għat-twaqqif tal-eżekuzzjoni pendenti s-smiegħ ta' talba għal ritrattazzjoni li abbażi tiegħu biex twaqqaf l-eżekuzzjoni tas-sentenza, il-Qorti trid tkun sodisfatta li l-eżekuzzjoni tikkaġuna preġudizzju ikbar lit-tellief milli n-nuqqas t'eżekuzzjoni lir-rebbieħ; fl-Artiklu 873(3) il-Qorti ma toħroġx mandat t'inibizzjoni kontra l-Gvern u oħrajn kemm-il darba ma tkunx sodisfatta li jekk ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju lil min talbu jkun sproporzonat meta mqabbel mal-istess egħmil li jkun qiegħed jintalab li jiġi miżmum. B'applikazzjoni ta' da nil-prinċipju, din il-Qorti, diversament ippreseduta, kellha okkażjoni fejn ċaħdet talba għall-permess mill-konvenuta biex tappella minn eċċezzjoni preliminari dwar is-siwi tal-att innifsu billi ma kinitx sejra ssofri preġudizzju biex tiddefendi l-każ tagħha fuq is-siwi sostantiv tal-pretenzjonijiet tagħha jekk l-appell ma jsirx minnufih[4].

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħdha tiċħad it-talba biex isir appell mis-sentenza in parte tagħha u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Moqri waqt l-udjenza.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA

[4] Tigran Arutyunyan v Property Consultants ATW Limited 04.07.2017 Prim'Awla, per. Onor. Imħallef J.R. Micallef